Trid tiġi l-Art Imqaddsa?
Ejja mal-Franġiskani. Il-Kustodji tas-Santwarji tal-Fidwa f'isem il-Knisja Kattolika. Ilhom preżenti mill-1217 fl-Art ta' Ġesù. Il-"patrijiet tal-Ħabel", kif inhuma magħrufin il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, jgħinuk tagħmel pellegrinaġġ li ma tinsiehx. Jgħinuk tgħix il-paġni ta' l-Evanġelju fuq l-istess postijiet li seħħu, b'differenza. Għax huma dawn il-postijiet jgħixu fihom. Jgħinuk tifhem ġrajjiet ta' storja u monumenti ta' arkeoloġija li huma ħarġuhom għad-dawl.

F'Malta l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joffrilek dan is-servizz professjonali bil-pellegrinaġġi lejn l-Art Qaddisa li l-Papa Pawlu VI sejħilha
"**il-Ħames Evanġelju**".

**Prezz għas-sena 2008** **€: 1,050**
(Lm450.76)

*Jinkludi fih kollox:*

- Il-pellegrinaġġ full-board
- L-Insurance
- It-Tips
- It-trasport
- Il-Badge
- Il-Ktieb tat-Talb għall-Pellegrinaġġ
- Il-Gwida bil-Malti: 'L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani'
- Fuq kollox Patri Franġiskan Malti li għex fl-Art Imqaddsa li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Gwida u bħala Animatur Spiritwali.

KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8, Triq Sta. Lucija, VLT1188
**T:** (356) 21242254 **F:** (356) 21252031
**E:** comalt@ofm.org.mt
**W:** www.ofm.org.mt

# L-ART IMQADDSA MAL-FRANĠISKANI 2008



25 Mejju - 2 Ġunju
22 Ġunju - 30 Ġunju
13 Lulju - 21 Lulju
17 Awissu - 25 Awissu
31 Awissu - 8 Settembru
10 Settembru - 18 Settembru

# PELLEGRINAĠĠI FL-ART IMQADDSA 2008

"Nitilgħu lejn Ġerusalemm".
Hi x-xewqa ta' kull min iħobb l-Art tal-Bibbja, li fiha twieled u għex Ġesù. Il-Patrijiet Franġiskani joffrulek opportunità unika biex tara din l-Art Imqaddsa. Il-pellegrinaġġi li jorganizza l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joħduk tara mhux inqas minn 30 Santwarju.

## PROGRAMM:

### L-Ewwel Jum:

Niltaqgħu l-airport fl-12.30 minn fejn nitilqu għal Cipru fil-14.50. Fil-22.35 nitilqu għal Tel Aviv fejn naslu, fil-23.30. Minn hawn nitilqu lejn Nazaret.

### It-Tieni Jum:

Breakfast. Żjara fil-Bażilka tal-Madonna. 10.00 Quddiesa, inżuru d-dar ta' San Ġużepp f'Nażaret, Żjara lill-Mużew Arkejoloġiku tal-Franġiskani u tluq lejn il-Muntanja Tabor. Ikel. Nikkontemplaw it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù - Mument ta' talb. Tluq lejn il-Karmelu wara lura lejn Nażaret. Ċena.

### It-Tielet Jum:

Breakfast. Fis-07.30: Tluq għal Tiberias. Quddiesa fil-Memorjal ta' San Pietru u żjara f'Kafarnahum, il-belt ta' Ġesù. Inżuru Tabgha: Santwarju tal-Primat ta' San Pietru u Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż. Lejn il-Għolja tal-Bejatitudnijiet. F'12.00: naqsmu l-Baħar tal-Galilija lejn Għajn Gev. Ikel. Tluq għax-Xmara Ġordan. Tigdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Żjara lis-Santwarju ta' Kana fil-Galilja u żjara fis-Santwarju tal-Arkanġlu Gabrijel. Lejn Nazaret u Ċena.

### Ir-Raba' Jum:

Breakfast. 07.30: Tluq minn Nażaret, ngħaddu mill-Wied tal-Ġordan. Inżuru l-Muntanja tal-Kwarantena, il-belt ta' Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet. Lejn Qumran. Ikel. Nitilgħu lejn Ġerusalem minn Wadi el-Qilt. Naqsmu d-Deżert ta' Ġuda. Fl-16.00 Quddiesa fis-Santwarju ta' Betanja u l-Qabar ta' Lazzru. Lejn il-lukanda f'Ġerusalem. Ċena.

### L-Ħames Jum:

Breakfast. Fid-09.00 niċċelebraw il-quddiesa tal-Milied f'Betleħem. Żjara fil-Bażilika tan-Nativitá u lis-Santwarju tal-Grotta tal-Ħalib. Ikel f'Betlehem. 14.30 żjara lis-Santwarju tar-Ragħajja. Tluq għall-Għajn Karem. Żjara fis-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u fis-Santwarju tal-Viżitazzjoni. Lura lejn il-lukanda. Ċena. Mit-20.30 sad-21.30 Ora Santa fil-Bażilka tal-Ġetsemani.

### Is-Sitt Jum:

Breakfast 07.30: Tluq għas-Santwarju ta' Betfaġe, l-Axxensjoni, Pater Noster, Dominus Flevit u l-Bażilka tal-Ġetsemani. Wara żjara fil-Grotta tal-Appostli u l-Qabar tal-Madonna. Ikel. 14.30: Żjara liċ-Ċenaklu fuq il-Għolja Sijon, Santwarju tad-Dormizzjoni tal-Madonna. Quddiesa fl-16.00 fiċ-Ċenakolino. Kwartier Armen, Ċittadella u Bieb ta' Ġaffa. Ċena.

### Is-Seba' Jum:

Breakfast. Żjara fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu u ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' l-Għid. Kwartier Lhudi. Santwarju ta' Sant'Anna, Santwarju tal-Flaġellazzjoni u l-Kundanna. Mixja fis-Suq ta' Ġerusalem. Ikel. Wara nofsinhar *free Time*. 16.00: Purċissjoni mal-Franġiskani fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu - Meditazzjoni fuq il-Passjoni, Mewt u Qawmien tal-Mulej. Ċena.

### It-Tmien Jum:

Breakfast. Żjara f'Emmaus fejn issir Quddiesa. Ikel. Inzuru l-Memorial tal-Yad Vashem.

### L-Aħħar Jum:

07.05 tluq minn Tel Aviv għal Cipru. 11.30 tluq minn Cipru għal Malta fejn naslu fit-13.20.


*Dominus Flevit*


*Is-Santwarju tal-Beatitudnijiet*


*Il-Bażilka tat-Tħabbira*


*Il-Bażilka tal-Ġetsemani*


*Il-Bażilka ta' Betleħem*


*Il-Qabar ta' Kristu*